MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 245/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Giordmaina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Giordmaina talli:

(a) Fil-Mellieha nhar id-9 t'Awissu 1998 f'xi hin wara s-6.00 p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' Lm500, flimkien ma' deheb u oggetti ohra mill-fond numru 16, Ta' Masrija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000) u lok, u li sar ghad-detriment ta' Anthony Caruana;

(b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fil-bieb u aperturi tal-fond imsemmi, liema hsara tiskorri l-Lm50 izda mhux aktar minn Lm500 u dan ghad-detriment ta' l-istess Anthony Caruana;

(c) Ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Lulju 1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Marco Giordmaina hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279 u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal piena ta' sena prigunerija, u ordnat li s-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Lulju 1998 tibda ssehh u ghalhekk ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Marco Giordmaina pprezentat fit-12 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata jew, fin-nuqqas, tirriforma l-imsemmija sentenza billi tapplika fil-konfront tieghu piena aktar miti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-Pulizija ssuspettaw fl-appellant malli nstabet il-vettura tieghu hdejn il-Belle View; (2) giet skartata d-deskrizzjoni li d-derubat kien ta ta' l-aggressur u li uhud mill-fattizzi ma kjinux jaqblu ma' dawk ta' l-appellant; (3) l-agir tal-Pulizija kien jipprezumi l-htija ta' l-appellant minflok l-innocenza tieghu; (4) fuq il-persuna ta' l-appellant ma nstabux marki kompatibbli mal-mod kif id-derubat qal li ssara ma' l-aggressur tieghu; (5) minkejja li d-derubat qal li nezza' l-

qmis lill-aggressur tieghu, fl-ebda hin ma ftakar li l-aggressur kellu tatwaggi fil-parti ta’ fuq ta’ gismu bhalma ghandu l-appellant; (6) ma saritx *identification parade* skond il-linji gwida stabbiliti fil-gurisprudenza taghna; (7) ma sarux ezamijiet forensici fuq il-vettura ta’ l-appellant, fid-dar tad-derubat, fuq difrejn id-derubat u lanqas fuq il-qmis ta’ l-appellant; (8) ma gietx applikata id-duttrina *in dubio pro reo*; (9) hija ingustizzja kbira u ksur tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq li persuna tigi kkundannata sentejn prigunerija tmien snin wara li jkun sari r-reat; (10) l-appellant huwa bniedem riformat, b’relazzjoni intima ma’ mara u ghandhom tarbija, ghandu gabbana f’Marsaxlokk u kemm ilhom li gew inizjati dawn il-proceduri ma kellux kazijiet ohra.

Fl-aggravji tieghu l-appellant jattakka principalment il-mod kif saret l-identifikazzjoni tieghu u li huwa ma jqisx attendibbli. Issa, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni f’dan ir-rigward kien Anthony Caruana, id-derubat, li gie wicc imb’wicc il-halliel.

Anthony Caruana qal li fil-gurnata in kwistjoni wasal id-dar mal-familja tieghu bejn is-7.20 u s-7.30 p.m. It-tifel tieghu mar jiftah il-bieb tal-garaxx u huwa ra ragel niezel jigri t-tarag ta’ quddiem wara li kien hariglu mill-bieb ta’ barra. Ix-xhud qal li nizzel lit-tifla u mar jigri warajh bil-karozza u lehqu wara l-Belle View. Telaq jigri warajh, qabdu, issielet naqra mieghu, rega’ harablu, qabdu minn dahru, il-qmis giet f’idejh u l-halliel rega’ telaq jigri ‘l isfel ghall-Wied tal-Migduma. Dak il-hin qabizlu hajt u x-xhud ma felahx jigri aktar. Kompla jghid li sab lift, bil-karozza tieghu nizel fil-wied ifittex lill-halliel, rah ghal ftit minuti u sparixxa. L-istess xhud, mistoqsi jekk kienx ra wicc il-halliel meta qabdu, wiegeb fl-affermattiv u identifikah bhala l-appellant (allura imputat).

Anthony Caruana xehed ukoll dwar kif saret l-identifikazzjoni minnu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Qal li tawh zewg kotba bir-ritratti. L-ewwel tawh ktieb, ippuntawlu lejn ritratt u qalilhom li ma kienx hu mbaghad hallewh fil-liberta` iqalleb ir-ritratti. X’hin wasal f’xi numru 126 izda ma jafx ezatt liema numru, ghajjat lill-Pulizija u

qalilhom li r-ritratt kien tal-persuna li kienet dahlet id-dar tieghu. Waqt *line-up*, huwa ppikkja n-numru sitta, cioe` lill-appellant.

In kontro-ezami l-istess xhud qal li lill-halliel qabdu minn ghonqu, dan qallu li qed jifgaw, nizillu ma' l-art u talbu mahfra. Ikkalma naqra, il-halliel rega' harablu, qabdu minn dahru u l-qmis giet f'idejh. Ma jafx girfux jew le izda l-qabda kienet b'sahhitha. Ma setax jghid jekk il-qmis tqattghetx. Ma setax jghid jekk dik il-persuna kellhiex tatwaggi. Qal ukoll li l-Pulizija kienu baghtu ghalih fit-3.00 a.m. u qalulu jittawwal f'kamra fejn kien hemm l-appellant u xi zewg persuni ohra. Qal li saqsewh jekk hux hu, qalilhom li jixbhu hafna izda ma setax jahseb dak il-hin u talabhom biex jistennew sa fil-ghodu. Ghall-habta tal-11.00 a.m. mar u wrewh ir-ritratti mbaghad ghal-*line-up* mar f'xit-3.30/4.00 p.m.

Il-kwistjoni ta' l-identifikazzjoni ta' persuna tqajmet fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mark Pace** deciz fis-7 ta' Novembru 2002 li rreferiet ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) li "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat, u li l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid **x'mhux mehtieg** u mhux **x'inhu mehtieg**", iccitat b'approvazzjoni dak li ntqal f'dik is-sentenza, u cioe`:

"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ippreċediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu

*identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who <u>so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'</u>* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australian Capital*

*Territory* fil-kawza **Sharrett vs Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:

*'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' *identification evidence*. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the*

*need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)".

Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar** moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*". Hija qalet:

"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs

*Leading Steward* Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, *piu' o meno* ta' l-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga' din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* Il-Maesta' Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*'".

Fil-kaz in dizamina il-prekawzjonijiet li hadu l-Pulizija billi jhallu lid-derubat jara r-ritratti “bil-liberta` kollha” u li jattendi ghal *identification parades* setghu jigu inficjati bil-fatt li meta d-derubat issejjah fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-ewwel darba, gie muri mill-ewwel lill-appellant u mistoqsi jekk kienx hu l-persuna li dahlitlu d-dar, li kieku ma kienx ghall-fatt li d-derubat stess kien hafna aktar kawt billi ma hassx li kien qieghed fl-ahjar pozizzjoni biex jaghmel identifikazzjoni dak il-hin minhabba t-trawma li kien ghadda minnha. Sfortunatament ukoll il-prosekuzzjoni ma esebietx ritratti tal-persuni li ppartecipaw fl-*identification parades* u li minnhom seta’ jkun determinat jekk kinux persuni li *“so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance*

*and position in life”*. Ciononostante, din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xiehda ta’ Anthony Caruana, hi soddisfatta mill-identifikazzjoni pozittiva li ghamel dan ix-xhud. Apparti hekk, pero`, hemm provi indizjarji li jippuntaw b’mod univoku lejn il-htija ta’ l-appellant.

Hekk jirrizulta illi Anthony Caruana lehaq lill-appellant l-ewwel darba wara l-Belle View. Fil-fatt f’dan il-post il-Pulizija sabu Anglia numru KAH-134 ta’ l-appellant u fl-ignition kien hemm ic-cwievet li kienu jinkludu fosthom ic-cavetta tad-dar ta’ l-appellant. L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u qal li kien silef il-karozza tieghu lil certu Ivan Rapinett. Ivan Rapinett xehed b’mod vag hafna izda cahad li qatt saq xi karozza wahdu. Imbaghad huwa inverosimili li persuna tislef il-karozza taghha u thalli mhux biss ic-cavetta tad-dar mal-mazz izda anke l-kartiera. Imbaghad in-nuqqas ta’ griehi evidenti fuq l-appellant u n-nuqqas ta’ ezamijiet forensici fuq, *inter alia*, difrejn id-derubat u l-qmis tal-halliel ma jfissirx li l-appellant ma kienx hemm, cioe` li ma kienx hu li dahal jisraq mir-residenza tal-familja Caruana.

Konsegwentement l-aggravji fil-mertu huma michuda u din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni tal-piena.

Dwar iz-zmien li ddekorra, irid l-ewwel nett jigi osservat illi l-appellant tressaq il-Qorti fil-11 ta’ Awissu 1998, jumejn biss wara li gew kommessi r-reati li taghhom instab hati u li l-prosekuzzjoni kkonkludiet il-provi taghha definittivament fit-28 ta’ Jannar 2000 wara li l-Avukat Generali kien baghat lill-appellant biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. L-istadju tad-difiza pero` dam kwazi erba’ snin, sas-16 ta’ Frar 2004 meta gietipprezentata nota ta’ sottomissjonijiet. Il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb fit-30 ta’ Marzu 2004 u l-kawza sussegwentement thalliet ghas-sentenza li nghatat fl-4 ta’ Lulju 2006.
Din il-Qorti pero` giet mistiedna tikkunsidra fatturi ohra li juru l-kambjament kbir li sar fil-hajja ta’ l-appellant. Effettivament din il-Qorti laqghet it-talba sabiex isir *pre-sentencing investigation report* u dan ir-rapport thejja mill-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia. Minnu jirrizulta

illi fil-perijodu li gew kommessi r-reati in kwistjoni l-appellant kellu problema estensiva ta’ abbuz mid-droga izda li din il-problema issa tinsab taht kontroll. Jinghad illi l-kwalita` tal-hajja ta’ l-appellant marret ghall-ahjar u kemm hu kif ukoll is-siehba tieghu ghandhom kuntatt regolari ma’ Dr. George Grech. L-appellant qieghed jirsisti biex izomm il-familja tieghu flimkien. Skond ir-rapport, piena karcerarja fil-prezent tista’ tkun ta’ detriment ghall-process rijabilitattiv ta’ l-appellant. Ghalhekk gie rakkomandat li din il-Qorti tikkunsidra li tapplika piena ta’ prigunerija sospiza izda b’ordni ta’ supervizjoni, kif ukoll li jigi ordnat jikkumpensa lill-vittma bhalma huwa diga` esprima ruhu lest li jaghmel.

Minbarra dak kollu rizultanti mir-rapport imsemmi, jirrizulta illi effettivament l-appellant diga` hallas il-kumpens dovut lil Anthony Caruana kif jirrizulta mill-ircevuta datata t-3 ta’ April 2007 li giet esebita b’nota tad-9 ta’ April 2007. Fl-ircevuta, Anthony Caruana ddikjara li rcieva s-somma ta’ Lm500 u li m’ghandux aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

Din il-Qorti semghet ukoll lit-tabib Dr. George Grech li qal li r-relazzjoni li l-appellant ghandu mal-*partner* kienet ic-cavetta ghalih u ghall-istess siehba tieghu biex l-appellant jibda jiehu l-affarijiet bis-serjeta`. Beda jzomm l-appuntamenti, beda jissapportja anke lit-tfal li s-siehba ta’ l-appellant kellha minn relazzjoni ohra, tant li nhargu mill-Istitut u l-appellant accettahom f’hajtu. L-appellant jiehu l-methadone izda ghaddej minn zmien stabbli hafna. Skond ix-xhud, huwa importanti hafna li l-appellant jibqa’ jzomm il-kuntatt mieghu.

Din il-Qorti temmen illi l-appellant jinsab fi stadju fil-hajja tieghu fejn huwa opportun illi jinghata l-ahhar opportunita` sabiex ikun jista’ jinghad illi huwa verament halla ghal kollox warajh il-hajja kriminali u sabiex jigi assigurat illi qieghed izomm ghal qalbu l-harsien tal-ligijiet tal-pajjiz. L-appellant irid ikun konxju tal-fatt illi huwa ghandu bzonn iqis sew l-agir tieghu fis-socjeta` f’kull aspett u jrid jibqa’ jirrikorri ghal dik l-ghajnuna li hi jew li tista’ tkun mehtiega minnu minn zmien ghal zmien. Meta din il-Qorti qieset il-

qabza kbira li saret mill-hajja li l-appellant kien jghix fi zmien ir-reati in kwistjoni u dik li qieghed jghix illum, bir-responsabbiltajiet kollha addizzjonali li ha fuq spallejh b'mod ghal kollox volontarju, meta qieset li huwa zamm kuntatt regolari mat-Tabib Dr. George Grech u meta qieset li parti mill-process tar-riforma tinkludi r-rieda li tikkumpensa lill-vittma – kif fil-fatt ghamel l-appellant – waslet ghall-konkluzjoni li dan huwa kaz fejn l-appellant ma jimmeritax illi jinghata piena karcerarja effettiva izda li jigi provdut bil-mezzi sabiex tkun assigurata t-tkomplija tar-riforma tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk sejra taghti l-provvedimenti infraskritti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ta' sena u in kwantu ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali fis-6 ta' Lulju 1998 u minflok tqieghdu taht probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, filwaqt li testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza tas-6 ta' Lulju 1998 ghal erba' snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------